# L-Amerikana ta' Villa D'Este

Ta' Vic Apap

KONT ili għoxrin sena ma nersaq lejn Ruma. Imma din is-sena mort. Donni migħbud minn seħer, wieħed mill-postijiet li tħajjart nerġa' nżur kienet Villa d'Este. U hemm raġuni għaliex. Minħabba fi ġrajja li kelli f'dik il-villa ta' l-egħjun jiena bqajt għażeb, għażeb u bla ebda ħsieb li nsib lil dik il-waħda li nitlobha taqsam miegħi l-bqija tal-ħajja li għad fadalli ngħix.

Għoxrin sena ilu, meta l-ħajja kienet tinfirex quddiemi bħal qawsalla ta' dwal ilellxu, u meta moħħi ma kienx jaħseb ħlief fuq dak li kont inkun għaddej minnu f'dak il-waqt, jien kont għal xi żmien qiegħed ngħix fil-Belt Eterna. Kien l-aħjar żmien ta' ħajti : żmien ta' daħk, ferħ, hena u xalar; żmien li fih qatt ma kien għaddieli l-iċken ħsieb ta' żwieġ, għalkemm ħafna minn sħabi kienu diġà bdew jitfgħu għajnejhom fuq xi tfajla u ftit ftit bdew jinqatgħu mill-klikka tagħna ta' żgħażagħ moħħna fir-riħ. Jien kont bqajt dejjem marbut mal-klikka li tobgħod kull rabta u kull xkiel. Dan kien ifisser għalina ż-żwieġ. Imma, kif igħid il-Malti, *riħ ta' siegħa jnaddaf qiegħa*. U s-siegħa tiegħi kont għoddni sibtha f'Villa d'Este.

*   *   *

Il-ġrajja tiegħi tibda hekk. Kien għall-bidu tar-rebbiegħa ta' l-1936, meta wara nofs in-nhar fettilli nasal sa Tivoli u mmur inżur Villa d'Este. Dawk il-mogħdijiet mimlijin għejun, waħda isbaħ mill-oħra, kienu għalija ispirazzjoni mill-aqwa biex nikteb. Ħafna mill-karattri tal-kitba tiegħi ta' dak iż-żmien jafu t-twelid tagħhom minn hemmhekk. U, ħaġa tal-għaġeb, kull meta kont inħossni nieqes mill-ħsibijiet, arani naqbad l-autobus għal Tivoli, nidħol fil-Villa, noqgħod indur qisni mitluf minni nnifsi qalb it-tgelgil ta' l-egħjun, u xi ħaġa ġdida kienet tinbet żgur ġewwa moħħi.

Hekk kont qed nagħmel dak in-nhar tal-ġrajja tagħna. Kont għadni kemm ksirt 'l isfel mill-mogħdija tal-"Mitt Għajn" meta tiġri għal fuqi tfajla ta' madwar it-tmintax-il sena, u kollha til-heġ, taqla' l-kapott li kellha fuq spallejha, tgeddsu malajr wara l-ħaxix u "Agħmilli pjaċir", qaltli maħtufa, "aqbadni f'dirgħajk, taparsi qiegħed tbusni." Lanqas tatni ħin ngħid kelma li ma ntefgħetx f'dirgħajja u rassitni magħha biex ma tantx tidher minn warajja.

Kienet l-ewwel darba li ħassejt il-għafsa ta' tfajla. Wiċċi ħassejtu jfur bil-mistħija; imma dawk xofftejha qrollin, dawk il-ħaddejn qishom l-isbaħ warda li qatt nibtet fil-Gżira ta' art twelidi u l-ħarsa sabiħa ta' għajnejha kbar minn lewn is-sema, ħajruni nħaddanha miegħi bil-ħlewwa u rressaq fommi lejn xofftejha...... mhux biex taparsi nbusha, kif talbitni hi, imma biex inbusha kif qatt ma kont għadni bist tfajla qabel.

F'daqqa waħda, nisma' passi jiġru minn fejn kienet resqet it-tfajla, u minnufih leħen ta' wieħed Għarbi jistaqsini b'nifsu maqtugħ: "Ma rajtx 'l hawnhekk xi xbejba b'kapott, hux?" Bla ma ħarist lejh, waqt li t-tfajla ntrasset miegħi aktar biex tinħeba, weġibtu: "Issa għadha kif għaddiet waħda b'kapott kannella; kienet qiegħda tiġri lejn il-bieb ta' barra". Il-Għarbi żżieni ħajr u telaq bil-ġirja lejn in-naħa ta' barra. Jien erġajt ressaqt xofftejja lejn it-tfajla, ksejtilha ħaddejha bil-bews, sakemm hi bdiet tinħall minn miegħi meta rat li l-periklu kien għadda.

Dak li min jaf kemm lrabi ddiħakt bih fuq sħabi, kien ġara lili. Bdejt inħobb...... bdejt inħobb lil waħda li kont lanqas naf min hi, lanqas biss naf isimha.

"Grazzi ħafna," qaltli fil-ħin li ġabret il-kapott u bdiet tfarfru mill-għabra ta' l-art li weħlet miegħu. "Jimporta jekk issa toħroġ qabli u tgħidli jidhirx barra dak li ġie jistaqsik għalija?"

"Naħseb li aħjar noqogħdu hawn daqsxejn ieħor", weġibtha jien, "biex nagħtuh ħin biżżejjed ħalli jitbiegħed."

"Mela le; noqogħdu", qaltli.

Intlaqna fuq il-ħaxix u hi bdiet tgħidli minn jeddha x'kien li ġagħalha tagħmel dik il-manuvra. Kienet xbejba Amerikana qiegħda żżur l-Italja. Dak in-nhar fil-għodu ltaqgħet ma' dak irraġel — Għarbi kif għaraftu sewwa jien minn kliemu — li ma fdaħiex pass minn taħt għajnejh. Waqt li kellimha deher li nġibed ħafna lejha. Qallha li kien sa jitlaq minn Ruma dik il-lejla għax kellu xogħol importanti li ried jaqdih f'Pariġi. Ħajjarha biex titlaq miegħu, jiżżewwiġha fi Franza u jeħodha miegħu lejn pajjiżu. Hi ma riditx, iżda hu baqa' jsus warajha u jgħidilha kemm kienet tkun għanja jekk issir martu. Qaltli li f'nofs innhar lanqas marret tiekol il-lukanda biex ma turihx fejn qiegħda u li wara nofs in-nhar ġiet Tivoli biex tkun ma' ħafna nies oħra għax beżgħet toqgħod weħidha miegħu.

"Issa x'sa tagħmel?" staqsejtha jien waqt li serraħtilha rasha fuq spallti.

"Issa mmur ninqaṡel il-lukanda...... Nara kif naghmel biex naqta' passaġġ malajr lejn l-Amerika u nitlaq".

"Jekk ikollok il-kumpanija tiegħi li tindukrak, ma toqgħodx?" staqsejtha kollni ħrara.

"Sakemm jirnexxili nitlaq lejn l-Amerika, iva," weġbitni bla ma ħarset lejja. "Imbagħad insieni."

Kien kollu ta' xejn li għidtilha min jien u kemm kont inġibilha qima jekk tiżżewwiġni; il-ħsieb tagħha kien li jekk qatt tiżżewweġ trid li tkun tgħix l-Amerika, għax imkien ma jogħġobha daqs hemmhekk.

Il-ġrajja tiegħi u ta' l-Amerikana ta' Villa d'Este—kif bqajt insibha jien meta niftakar fiha—għalqet ftit jiem wara, għoxrin sena ilu, meta telqet lejn l-Amerika.

* * *

X'ħin din is-sena sibt ruħi qalb l-egħjun tal-Villa, ma stajtx ma mmurx mill-ġdid fil-post fejn kont iltqajt ma' l-Amerikana, u mort ukoll fuq il-ħaxix fejn konna ntfajna bil-qiegħda u għaddejna xi ħin nitkellmu. Kollox deher l-istess bħal dak in-nhar tar-rebbiegħa ta' l-1936. Kollox baqa' bħalma kien: il-post, il-ħdura, l-egħjun, l-ilma li jarmu minnhom, kollox. Jien biss tbiddilt. Minn fuqi għaddew għoxrin sena li kull waħda minnhom żiedet fuq spallejja t-toqol tagħha. Imma qalbi għadha dik li kienet. Il-ġrajja qasira li għaddejt minnha kellha setgħa hekk qawwija fuqi li għalkemm igerrbu s-snin ma nista' ninsieha qatt.

Hriġt minn hemm u ħsibt li kienet ingħalqet folja oħra mit-tifkiriet ta' Villa d'Este. Iżda ma kienx hekk. Fuq l-autobus kien hemm ġemgħa tfajliet — mill-aċċent tagħhom Amerikani — ilkoll bejn is-sittax u t-tmintax-il sena. Aħna u sejrin lejn Villa Adriana, waħda minnhom qalet lil sħabha: "Xi darba ngħidilkom dak li qaltli dal-għodu l-mamà tiegħi fuq Villa d'Este. Darba ġiegħlet lil wieħed ibusha bla ma tafu."

Jien bqajt sieket f'rokna ta' l-autobus. Meta wasalna Ruma, bqajt sejjer wara t-tfajla biex nara fejn tidħol. Qgħadt nistenna għal sigħat sħaħ bla ma reġgħet ħarġet, imma jiena ma tbegħidtx pass. Fil-għaxija għal xi d-disgħa, rajt lix-xbejba ħierġa mil-lukanda ma' waħda sinjura. Kienet ma' l-"Amerikana ta' Villa d'Este". Bqajt nieżel warajhom Via Nazionale sakemm daħlu f'kafè. Hin minnhom smajt lix-xbejba tgħid lil ommha bid-daħka: "Lil dak il-Malti ma sibtux qalb l-egħjun, mamà!"

"Min jaf x'sar minnu", qalet l-omm. "Għandu mnejn, jekk għadu ħaj, lanqas baqa' jiftakar x'għadda minn għalih għoxrin sena ilu."

Għaddielha minn moħħa jekk għadnix ħaj. Mur għidilha li kont mimli bil-għomor ftit passi bogħod minnha; imma ma kellix ħila nkellimha. Hi baqgħet sabiħa daqskemm kienet għoxrin sena ilu, donnhom is-snin ma għaddewx minn fuqha. Jien, għall-kuntrarju, bdejt inħossni qiegħed nixjieħ. Ridt inħalliha bit-tifkira tiegħi meta kont għadni fil-milja tal-ħajja: żagħżugħ ta' għoxrin sena.

Ruma, 21. X. 1956.